**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' April 2017 |
| **HIN:** | 10 minuti |

## NOTA GĦALL-EŻAMINATURI

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika:**

- l-irbit bejn idea u oħra;
- il-loġika tal-ħsibijiet;
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett.

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

**(Total: 4 marki)**

b. **L-Espressjoni:**

- l-użu ta' Malti idjomatiku;
- l-użu ta' vokabularju wiesa';
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza.

**(Total: 6 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## GĦALL-EŻAMINATURI BISS

### It-telefonija bl-użu tal-mowbajl hija forma kontemporanja ta' skjavitù

- Inti tużah ta' spiss il-mowbajl? Għal xiex tużah l-aktar?
- Minn riċerka li saret l-Ingilterra nstab li, bejn wieħed u ieħor, bniedem jiċċekkja l-mowbajl tiegħu 253 darba f'jum wieħed! Xi jfisser dan?
- X'taħseb li jġiegħel lill-bniedem juża l-mowbajl tiegħu daqshekk ta' spiss?
- Il-bniedem sar jiddependi b'mod esaġerat fuq il-mowbajl/*smartphone* … dan sar qisu l-assistent personali tiegħu, li jipprovdilu direzzjonijiet, ifakkru f'għeluq snin il-ħbieb u l-kollegi, jiċċekkja l-kontijiet tal-bank … il-lista hija bla tmiem. Taħseb li din hija ħaġa tajba jew ħaġa negattiva?
- Taħseb li ż-żgħażagħ jużaw il-mowbajl aktar mill-anzjani?
- Huwa tajjeb li bniedem ixandar kulma jagħmel fuq Facebook, eċċ.?
- Taħseb li din tista' tkun vanità jew xi forma ta' arroganza?
- Taħseb li l-użu esaġerat tal-mowbajl jista' jtellef ħaddiem waqt xogħlu?
- Imqar waqt l-ikel, jew f'xi restorant, sikwit tara nies għaddejjin itektku fuq il-mowbajl tagħhom u jinsew lill-persuni bilqiegħda ħdejhom. Taħseb li l-mowbajl qed ikisser il-kuntatti soċjali?
- Xi ngħidu għas-*selfies*/stessi? X'inhu l-iskop ta' *selfie*/stessu?
- Hemm għalfejn bniedem jitfa' ritratt tiegħu stess fuq Facebook biex imbagħad joqgħod jieħu gost bil-kummenti u l-*likes* mingħand nies oħra?
- Taħseb li l-użu kontinwu u bla rażan biex jiġu ċċekkjati l-Facebook eċċ. qed jaffettwa l-mod ta' kif naħsbu u nesprimu ruħna?
- Taqbel li l-ġenituri jixtru mowbajl jew *tablet* bħala rigal għat-tfal tagħhom anke meta dawn ikunu ta' età żgħira?
- Taħseb li jista' jkun perikoluż li jkollok apparat li l-ħin kollu javża fejn tinsab dak il-ħin? Għaliex?

### Bejn ġenerazzjoni u oħra

- X'tifhem b''il-qabża bejn il-ġenerazzjonijiet' (*generation gap*)?
- Tħoss li l-anzjani/il-ġenituri ma jifhmukx? Tħossok iktar komdu tikkomunika ma' nies tal-età tiegħek milli ma' nies iżgħar jew ikbar minnek? Għaliex?
- Fl-Amerika jaqsmu l-ġenerazzjonijiet f'kategoriji differenti fosthom, il-Ġenerazzjoni l-Kbira, il-Ġenerazzjoni l-Kwieta, il-*Baby Boomers*, u l-Ġenerazzjoni tal-Millennju. Kull ġenerazzjoni għandha l-kwalitajiet u l-karatteristiċi tagħha. Taħseb li dan hu minnu?
- Taħseb li din il-qabża bejn il-ġenerazzjonijiet twassal għal differenzi fl-azzjonijiet, twemmin, interessi u/jew fehmiet bejn nies ta' etajiet differenti? Għaliex?

- Jekk veru hemm differenzi bejn ġenerazzjoni u oħra, x'taħseb li huma l-kawżi ta' dan kollu?
- Il-*generation gap* tista' tirriżulta f'għadd ta' problemi, bħal nuqqas ta' komunikazzjoni u ġlied familjari. Tista' tgħidli xi ħaġa dwar dan?
- Taħseb li l-inkwiet jista' jikber meta żgħażagħ ma jaqblux u jisfidaw l-opinjoni tal-ġenituri?
- Wara kollox, dak kollu li ż-żgħażagħ qegħdin iħabbtu wiċċhom miegħu huwa riżultat ta' dak li għamlu missirijiethom. Taqbel?
- Il-kompożizzjoni dinamika ta' familja tbiddlet drastikament f'dawn l-aħħar snin. Il-mod ta' ħajja tbiddel ħafna. X'bidliet taħseb li seħħu fil-kompożizzjoni tal-familja minn dari sal-lum?
- Għadda dak iż-żmien meta l-omm tibqa' d-dar u l-missier joħroġ jaħdem. Veru? Jekk iva, x'qed jikkawża dan?
- Illum, l-istituzzjoni taż-żwieġ (jew in-nuqqas tagħha) ġabet magħha medda kbira ta' sitwazzjonijiet familjari ...
  - familji magħmula minn żewġ ġenituri biss;
  - bit-tfal jew mingħajr tfal;
  - tfal li jiġu mtellgħa min-nanniet;
  - familji nukleari...

  X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar dan?
- Ir-rispett lejn in-nanniet ... dawn iridu li t-tfal juru rispett lejhom, iżda ħafna llum huma mistagħġba bin-nuqqas ta' rispett u bl-aġir irresponsabbli taż-żgħażagħ. Taħseb li dan huwa veru?
- Fl-imgħoddi, bħala tifel, kont mistenni tirrispetta d-dixxiplina tal-ġenituri fuqek (anke swat xi kultant), u tagħmel dak li jgħidulek meta jgħidulek. Kif inbidlet din is-sitwazzjoni? Taħseb li nbidlet għall-aħjar jew għall-agħar?
- Illum hemm għaqda fil-familja?
  - Il-membri jingħaqdu flimkien għall-ikel?
  - Jitkellmu flimkien fuq il-problemi tagħhom?
  - Iż-żgħażagħ huma mħollija jagħtu l-fehmiet tagħhom?
- L-avvanz fit-teknoloġija ... iċ-ċellulari, *smartphones*, kompjuters ... ħafna ġenituri, l-aktar dawk imdaħħla fl-età, donnhom jibżgħu jinnavigaw bil-kompjuter u ma jifhmux fid-dinja teknoloġika. Taħseb li dan għen biex tikber il-firda bejn il-ġenerazzjonijiet?
- Il-flus ... il-ġenerazzjonijiet tal-lum jaħdmu biex jonfqu u jixxalaw ... ma jġemmgħux għall-quddiem ... u jħarsu lejn ix-xogħol bħala mod kif jersqu lejn xi għan aħħari. Fl-imgħoddi, ħafna ġenituri kienu jaħdmu u jġemmgħu għal meta jiġu bżonn. Għaliex taħseb li seħħet din il-bidla fil-mentalità?
- Illum ħafna tfal qed jikbru qabel iż-żmien (mill-mod ta' lbies/aġir, eċċ). Taħseb li dan hu tort tal-ġenituri?
- Taħseb li xi darba din il-*generation gap* nistgħu neliminawha għalkollox? Għaliex? Jekk le/iva, kif?
- "Uliedna m'għadhomx uliedna!" Xi jridu jgħidu biha ħafna ġenituri? Għaliex qed iħossu lil uliedhom qishom barranin?
- Iż-żgħażagħ għandhom bżonn jinqatgħu mill-ġenituri biex jifformaw il-karattru tagħhom?

## Il-kelb huwa l-aqwa ħabib tal-bniedem

- Taħseb li hija ħaġa ġustifikata li xi drabi ngħajru lil xi ħadd "kelb"?
- X'jista' jagħmel annimal (kelb) li bniedem ma jistax?
- Il-kelb huwa kumpanija u  wens għal sidu u għandu mħabba għamja lejh. Taqbel? Għaliex?
- Jeżistu klieb 'perikolużi' – *pitbull terriers,* eċċ. Tassew li huma perikolużi? Jew il-bniedem stess jagħmilhom perikolużi?
- Xi drabi l-klieb jintużaw waqt xi xogħlijiet jew għall-ġid tagħna l-bnedmin. Tista' tagħti xi eżempji dwar dan?
  - fil-korp tal-pulizija;
  - klieb tal-għassa;
  - għall-għomja;
  - kontra d-droga;
  - għall-kumpanija.
- Barra minn Malta jeżistu ċimiterji għall-annimali. Taqbel li għandu jkun hemm dawn iċ-ċimiterji?
- Taqbel li għandu jkun hemm klieb fid-djar meta jkun hemm it-tfal żgħar? Taħseb li jista' jkun hemm konsegwenzi koroh?
- Qatt smajt bil-qawl "Tfal u bhejjem għali dejjem"? X'taħseb dwaru?
- "Aħjar tħobb kelb milli bniedem." Taqbel ma' dan l-għajdut?
- Taqbel li kelb jew xi annimal ieħor għandu jingħata bħala rigal? Għaliex?
- Il-moħqrija tal-klieb u annimali oħra. – F'każ ta' moħqrija f'Malta persuna tista' teħel sa massimu ta' sena ħabs, jew multa ta' €46,500. Taħseb li dawn huma ġusti jew esaġerati?
- Klieb ta' razza pura u klieb addottati. Fl-Olanda l-Gvern ħoloq taxxa għal min iġib klieb puri minn barra l-pajjiż minflok jaddotta klieb abbandunati. Taqbel? Għaliex?
- Għaliex taħseb li hawn min jippreferi jixtri kelb minflok jaddottah?
- Taħseb li f'Malta hawn biżżejjed voluntiera biex jgħinu lill-annimali abbandunati u li qed tingħata biżżejjed għajnuna finanzjarja lill-għaqdiet li jgħinu lill-annimali?
- Hawn min jgħidlek li qatt mhu lest li jrabbi kelb id-dar. X'taħseb li jistgħu jkunu r-raġunijiet?
- X'taħseb li jista' jsir biex tinħoloq aktar kuxjenza dwar l-annimali u mħabba lejhom?
- Taħseb li l-kelb huwa tassew l-aqwa ħabib tal-bniedem? Għaliex?
- Taqbel mad-drawwa li nsewwu l-klieb? Taħseb li l-bniedem għandu d-dritt hekk assolut fuq il-ħajja tal-annimal?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' April 2017 |
| **HIN:** | 10 minuti |

## NOTA GĦALL-EŻAMINATURI

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

c. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika:**

- l-irbit bejn idea u oħra;
- il-loġika tal-ħsibijiet;
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett.

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

**(Total: 4 marki)**

d. **L-Espressjoni:**

- l-użu ta' Malti idjomatiku;
- l-użu ta' vokabularju wiesa';
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza.

**(Total: 6 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

## L-abbuż fuq l-internet

- Taħseb li hawn min jabbuża mill-internet? Jekk iva, min taħseb li jabbuża l-aktar?
- X'tipi ta' abbużi jsiru l-aktar?
- Mill-aspett morali, taħseb li kulħadd qiegħed jaħseb sew dwar xi jxandar fuq l-internet?
- X'taħseb li qed iwassal għal dan u x'riperkussjonijiet jista' jkollu dan l-abbuż?
- Taf x'inhu s-*cyber bullying*? Tista' tagħti xi eżempji ta' *cyber bullying*?
- Taf lil xi ħadd li kellu esperjenza ta' *cyber bullying*? Jekk iva, tista' tgħid xi ħaġa dwarha?
- Bosta nies jgħaddu kummenti fuq mezzi soċjali bħal Facebook, li jikkundannaw jew jiġġudikaw lil ħaddieħor. Għandu jkollna l-libertà li nagħmlu hekk?
- Taqbel li kummenti bejn il-ħbieb jispiċċaw imxandra mad-dinja kollha? Għaliex?
- X'taħseb fuq il-fatt li wieħed jista' jxandar ritratt ta' ħaddieħor li jkun sabu fuq siti bħal Facebook? Taħseb li jista' jkun hemm konsegwenzi meta jiġri hekk? X'tip ta' konsegwenzi?
- Taqbel li l-materjal li jitpoġġa fuq l-internet għandu jkun iċċensurat jew kulħadd għandu jkollu d-dritt li juża l-internet kif jidhirlu hu?
- Taf x'inhu *hacking*? Min taħseb li jagħmlu u għaliex taħseb li jsir?
- Minn meta f'Malta twaqqaf iċ-Childweb Alert fl-2011, ittieħdet azzjoni fuq 475 rapport ta' tfal li kienu esposti f'pornografija jew abbuż fuq l-internet. Taħseb li qed isir biżżejjed biex nikkumbattu dan it-tip ta' abbuż f'pajjiżna?
- Taf x'inhi s-Cyber Crime Unit? (Sezzjoni fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, imwaqqfa f'Malta fl-2003 biex toffri assistenza teknika f'investigazzjonijiet ta' reati kriminali, frodi, theddid u delitti oħra bil-kompjuter.)
- Taqbel li l-pulizija għandu jkollha aċċess għal materjal personali biex tiġbor evidenza ħalli tidentifika persuni li jkunu qed jagħmlu użu mis-servizz tal-internet biex iwettqu reat kriminali?
- Taħseb li jsiru abbużi fuq l-internet fejn jidħlu l-aħbarijiet? X'tip ta' abbużi?
- Kull sena madwar l-Ewropa tiġi ċċelebrata *Safer Internet Day,* bl-għan li titqajjem aktar kuxjenza dwar l-użu aktar sikur u responsabbli tal-internet, b'mod partikolari fost it-tfal u ż-żgħażagħ. Taħseb li hawn Malta hawn kuxjenza biżżejjed dwar dan is-suġġett?
- Taħseb li l-ħolqien ta' *virus* huwa wkoll forma ta' abbuż? Għaliex?
- Taħseb li l-internet jista' jintuża b'mod ħażin minn min għandu f'moħħu li jwettaq atti terroristiċi? Kif taħseb li jsir dan?
- X'taħseb li hu l-aħjar mod kif għandna niġġieldu dawn l-abbużi?
  - *software* speċjalizzat;
  - kampanja ta' edukazzjoni fl-iskejjel u fl-għaqdiet taż-żgħażagħ;
  - laqgħat ta' informazzjoni għall-ġenituri;
  - sehem akbar mill-kunsilli lokali biex jagħtu tagħrif dwar l-użu responsabbli tal-internet u kif wieħed jista' jevita milli jaqa' fin-nassa ta' min jabbuża mit-teknoloġija.

**Is-sistema edukattiva f'Malta għadha relevanti?**

- Kif inhi mqassma s-sistema edukattiva f'Malta? (primarja, sekondarja, postsekondarja, terzjarja, skejjel tal-gvern, privati, tal-knisja, eċċ)
- Fl-iskejjel primarji ta' xi pajjiżi, il-klassi tibqa' mal-istess għalliema għal sitt snin sħaħ. X'taħseb minn sistema bħal din? X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha?
- It-tneħħija tal-eżamijiet tal-*Junior Lyceum* fl-aħħar tas-sitt sena tal-primarja taħseb li kienet bidla għall-aħjar?
- L-edukazzjoni ta' bniet u subien flimkien fl-iskejjel sekondarji. – Taqbel magħha? Għaliex?
- Taqbel li l-iskejjel tas-snajja' għandhom jinbdew minn etajiet żgħar, ngħidu aħna ta' tlettax-il sena?
- X'taħseb mis-sistema tal-apprentistat meta mqabbla mas-sistema tal-Università?
- Fil-Finlandja l-iskola ma tistax tibda qabel id-9:00 am, u tispiċċa bejn is-2:00 pm u t-2:45 pm. X'taħseb minn dan il-ħin? Il-ħinijiet tal-iskola f'Malta huma tajbin?
- X'taħseb fuq l-ammont ta' suġġetti mgħallma fis-sekondarja? Huma wisq? Taħseb li l-bilanċ bejniethom huwa tajjeb? (Pereżempju fis-sekondarja normalment l-istudenti jkollhom lezzjoni waħda tal-edukazzjoni fiżika filwaqt li jkollhom ferm aktar lezzjonijiet ta' suġġetti oħra.)
- Taħseb li jsiru biżżejjed attivitajiet ekstrakurrikulari matul is-sena skolastika?
- X'taħseb dwar ir-riżultati meħtieġa għad-dħul fi skejjel postsekondarji u fil-livell terzjarju? Huma wisq? Dawn ir-rekwiżiti huma ġusti mal-istudenti?
- X'taħseb mix-xogħol għad-dar li jingħata lill-istudenti?
- Taqbel mal-uniformi? Għaliex? X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha?
- L-iskola tgħallmek l-akkademiku imma ma timmaturakx verament. Taqbel? Għaliex?
- L-iskola ma tagħmlekx responsabbli, u tfissdek. Ikkummenta dwar dan il-kumment.

**Il-liċenzja tas-sewqan**

- Taħseb li l-liċenzja tas-sewqan hija prijorità ewlenija fost iż-żgħażagħ?
- Taqbel mal-età li wieħed jista' jġib il-liċenzja tas-sewqan f'Malta?
- X'jistgħu jkunu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi jekk tonqos l-età li wieħed jista' jġib il-liċenzja tas-sewqan?
- Għalkemm wieħed jista' jġib il-liċenzja tas-sewqan ta' tmintax-il sena aktarx li ma jkunx jaffordja jixtri karozza u jieħu ħsiebha (ħsarat, assigurazzjoni...). X'taħseb dwar dan?
- Il-karozzi sportivi u ż-żgħażagħ. – Taħseb li meta jġibu l-liċenzja, iż-żgħażagħ ikunu aktar moħħhom li jkollhom karozzi sportivi li jtellgħu veloċità qawwija milli li jsuqu bil-galbu?
- Taħseb li l-anzjani li jkollhom 'il fuq minn 75 sena għandhom jibqgħu jsuqu? X'jistgħu jkunu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi għalihom u għal ħaddieħor?
- Taħseb li l-liċenzja tas-sewqan għandha tibqa' tiġi mġedda b'mod awtomatiku?
- Taħseb li ż-żgħażagħ isuqu aħjar mill-anzjani? Għaliex?
- Taħseb li jekk togħla l-età li fiha wieħed jista' jġib il-liċenzja tas-sewqan jonqsu l-problemi tat-traffiku?
- Taħseb li l-età legali hija marbuta mal-maġġoranza tal-inċidenti tat-traffiku?
- Taqbel li għandu jkun hemm sistema ta' penali meta xi ħadd jikser ir-regolamenti tat-traffiku, u li jekk jaqbeż in-numru stabbilit ta' penali jitlef il-liċenzja?
- Sistema bħal din għandha tapplika biss għaż-żgħażagħ jew għas-sewwieqa kollha?
- Taħseb li għandu jkun hemm liċenzja għal min isuq ir-rota jew ir-rota-mutur?
- Taħseb li dawk in-nies li jimxu fit-triq għandhom ukoll ċerti responsabilitajiet biex jiġu evitati l-inċidenti? Tista' tagħti xi eżempji?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' April 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# It-telefonija bl-użu tal-mowbajl hija forma kontemporanja ta' skjavitù

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22o1k.17m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' April 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Bejn ġenerazzjoni u oħra

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' April 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-kelb huwa l-aqwa ħabib tal-bniedem

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o2k.17m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' April 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-abbuż fuq l-internet

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22o2k.17m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' April 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Is-sistema edukattiva f'Malta għadha relevanti?

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22o2k.17m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' April 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-liċenzja tas-sewqan

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | 13 ta' Mejju 2017 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb it-taqsimiet kollha.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

**Agħżel suġġett WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Il-liġi tal-ġungla ma tinstabx biss fil-ġungla.
2. Jien nigdeb.
3. Il-Funtana tat-Tritoni.
4. Flejjes u spejjeż.
5. Iż-żwieġ moda?
6. Aħjar m'għedt xejn.

**(Total: 30 marka)**

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

**Wieġeb mistoqsija WAĦDA biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. "Il-lingwa hija fenomenu tal-għaġeb u minnha nnifisha għandha biżżejjed mekkaniżmi li permezz tagħhom issawwar, tibni u tifforma strutturi bażiċi." Iddiskuti din l-istqarrija ta' Tarcisio Zarb fid-dawl tat-tiswir morfoloġiku fil-Malti.

2. Il-kliem jista' jibdel ir-referenza tiegħu mal-mogħdija taż-żmien. Ikteb dwar it-tipi ta' żviluppi li nosservaw f'tifsir il-kliem, u għid x'taħseb li jikkawżahom.

3. Skont George Farrugia, "Lingwa mħallta, bħal fil-każ tal-Malti, x'aktarx li tkun ir-rifless ta' storja mħallta". Ikkummenta fid-dettall.

**(Total: 20 marka)**

***aqleb***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IL-POEŻIJA

**Wieġeb mistoqsija WAĦDA b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.**

1. Il-poeti spiss jgħaddu minn esperjenzi mżewqa b'emozzjonijiet differenti. Uħud jgħożżu r-relazzjonijiet tagħhom ma' ta' madwarhom, waqt li oħrajn jiktbu biex jesprimu t-togħma qarsa ta' relazzjoni negattiva. Iddiskuti t-tipi ta' relazzjonijiet differenti li l-poeti jaqsmu mal-qarrejja tagħhom.

2. "Il-poeżija" skont Oliver Friggieri hija "l-maħżen tal-verità nazzjonali". Bis-saħħa tal-kitbiet tagħhom il-poeti joħolqu rikostruzzjoni tal-istorja tal-ġens Malti, però l-perspettiva tinbidel mill-poeti Romantiċi għall-poeti Moderni. Iddiskuti din il-bidla.

**(Total: 20 marka)**

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

**Wieġeb mistoqsija WAĦDA. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. Fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* jingħad dwar Leli li wara li qarraq b'martu u bidilha kemm ried, kull darba li kien jiltaqa' ma' Klara kien iħoss x'joqorsu u xi jniggżu. Iddiskuti l-kunflitt li nħoloq bejn Vira u Klara, u l-kunflitt li nħoloq f'Leli stess minħabba r-relazzjonijiet li kellu ma' dawn iż-żewġ nisa.

2. Fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, ta' Ġużè Ellul Mercer, Leli jistaqsi: "Min qallek li jien bil-geddum? Kulħadd jarani ikrah, daż-żmien". Iddiskuti l-bidla li seħħet fil-karattru ta' Leli matul ir-rumanz.

3. Ebejer ipinġi l-mara tradizzjonali Maltija bħala simbolu tal-ġabra, persuna li taħdem b'mod altruwistiku mingħajr kundizzjonijiet. Din il-mara toffri kuntrast qawwi mal-figuri femminili l-oħra li jidhru fid-drammi tiegħu. Iddiskuti din l-istqarrija billi tikkunsidra l-karattri nisa prominenti li jidhru fid-dramm *Menz*.

4. Iddiskuti l-emarġinazzjoni ta' dawk in-nies li bħala protesta, jagħżlu li ma jikkonformawx mal-bqija tas-soċjetà fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer.

**(Total: 20 marka)**